MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Numru. 1303/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**KONTRA**

**NEVILLE GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Neville Grech ta' 22 sena, bin Nazzareno u Maria Louisa nee' Bonello, mwieled Zabbar nhar is- 7 ta' Novembru 1988, residenti 100, Villa Orchidea, Triq il- Missjoni Taljana, Kalkara u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 515788M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli ghax- xahar ta' Jannar 2010 u x- xhur ta' qabel u ta' wara minn gewwa dawn il- Gzejjer approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih u jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu freezer ghad- dannu tal- kumpanija Gelati Mezzan u ghas-sidien taghha u liema freezer giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu u dan bi ksur tal- Artikolu 293 u 294 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat il-verbal ta' llum stess, fejn deher il-parte civile fil-kawza u nforma l-Qorti li l-imputat kien irritorna l-magna fdata lilu, u ghalhekk ma kellu ebda pretensjoni ohra kontrih;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza tittratta ftehim kummercjali milhuq bejn Noel Mercieca, li hu sid tal-azjenda Gelati Mezzan u parte civile f'din il-kawza, u l-imputat, li permezz ta' dan il-ftehim l-imputat kien inghata "freezer unit" biex

minnu jbiegh gelati tad-ditta ta’ Mercieca. Irrisulta, izda, li l-imputat m’ghamelx uzu minn dan il-“freezer” kif miftiehem, u rrifjuta jirritornah lura. Kien biss wara li infetah dan il-kaz il-Qorti li l-imputat irritorna l-“freezer” lil Mercieca. Illum, din il-kwistjoni kollha giet risolta, u l-Ufficjal Prosekutur informa l-Qorti li dawn il-proceduri kienu lahqu inbdew qabel ma’ gie ritornat il-proprjeta’ ta’ Mercieca, ghax kieku l-Pulizija l-anqas ma kienet tipprocedi kontra l-imputat.

In vista, ghalhekk, ta’ dawn ic-cirkostanzi, u in vista tal-fedina penali netta u tal-eta’ tenera tal-imputat, il-Qorti sejra turi klemenza mieghu fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bla kundizzjoni ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------